MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 1162/2012

**James Zammit ghan-nom u in rapprezentanza ta' J. Zammit Ltd.**

**vs**

**Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta` J. Zammit Ltd (C-37945) tat-22 ta' Novembru 2012 u li jaqra hekk

1. *Illi fis-16 ta' Gunju 2012 l-esponent nomine applika skond ir-regolamenti, mal-intimata Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, ghal Licenzja ta' Operatur biex jopera Stazzjon ghat-Testijiet tal-Vetturi (VRT station).*

2. *Illi b'ittra datata 21 ta' Gunju 2012, l-esponent nomine ircieva "Acknowledgment of your Application" fejn intqallu biss li "currently Transport Malta is not in a position to further process your request, since all VRT station operators license are currently on hold."*

3. *Illi skond ir-Regolament 8A tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15,l-Awtorita' intimata kienet obbligata li, fi zmien sebat ijiem mill-applikazzjoni, twiegeb b'avviz fejn tispecifika il-perjodu li matulu skond l-istess regolament kellha tipprocessa l-applikazzjoni, ir-rimedju ta' l-applikant f'kaz li tichad l-applikazzjont ghal awtorizazzjoni ta' operatur, u li, fin-nuqqas ta' twegiba fil-perjodu ta' sebat ijiem kif indikat, l-awtorizazzjoni ghandha titqies li tkun inghatat.*

4. *Illi inoltre, skond ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, ladarba ssirilha applikazzjoni regolari, l-Awtorita' intimata ghandha taghmel dawk l-investigazzjonijiet u l-ispezzjonljiet li jistghu ikunu mehtiega, u tinforma lill-applikant bid-decizjoni taghha b'avviz bil-miktub mhux aktar tard minn ghoxrin gurnata ta' xoghol minn meta tkun irceviet id-dokumenti kollha rilevanti, u fin-nuqqas li tiehu decizjoni fil-perjodu stipulat, l-applikazzjoni ghandha titqies li tkun giet deciza favur l-applikant.*

5. *Illi l-Awtorita' intimata naqset li timxi mal-ligi billi fl-acknowledgment naqset li tispecifika (i) il-perjodu li fih l-applikazzjoni tal-esponenti kellha tigi processata; (ii) ir-rimedju f'kaz li l-applikazzjoni tigi michuda; u li taghmel (iii) dikjarazzjoni cara li f'kaz li ma tinghatax twegiba fil-perjodu ta' processar, l-awtorizzazzjoni ghandha titqies li tkun inghatat.*

6. *Illi ghalhekk, in vista tal-premess u fin-nuqqas tal-Awtorita' intimata li tosserva r-regolamenti applikabbli, l-applikazzjoni tal-esponenti ghal licenzja ta' Operatur ta' stazzjon ghat-Testijiet ta' Vetturi giet accettata awtomatikament bis-sahha tal-ligi.*

7. *Illi minhabba f'hekk, b'ittra ohra datata 3 ta' Lulju 2012, l-esponenti talab lill-Awtorita' intimata sabiex tibghat clearance ufficjali biex hija tkun tista' tipprocessa l-permess ghall-VRT Testing mal-MEPA; izda b'risposta tas-26 ta' Lulju 2012 l-Awtorita' intimata wiegbet li l-applikazzjoni "biex jopera stazzjon ghat-testing mhix qed tigi milqugha minhabba li fil-prezent il-hrug ta' tali awtorizzazzjonijiet huma mizmuma."*

8. *Illi dan l-agir tal-Awtorita' intimata qieghed jikkawza hsara u telf ta' qligh lill-esponenti li, minkejja li ghandha dritt ghal-licenzja bil-ligi, hija ma tistax tkompli bil-*

*process sabiex topera l-VRT Station taghha qabel l-Awtorita' intimata tikkonsenjalha d-dokumentazzjoni kollha.*

9. *Illi minkejja li l-esponenti interpellat lill-Awtorita' intimata, anke ufficjalment, sabiex tikkonsenjalha din id-dokumentazzjoni, din baqghet inadempjenti.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tista' tirrizulta mehtiega, l-esponent jitlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:*

(i) *Tiddikjara u tiddeciedi li t-talba tal-esponenti lill-Awtorita' intimata biex tkun awtorizzata topera Stazzjon ghat-Testijiet tal-Vetturi (VRT station) giet milqugha skond il-ligi kif fuq spjegat;*

(ii) *Konsegwentement tordna lill-Awtorita' intimata sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss, tikkonsenja lill-esponenti d-dokumentazzjoni kollha relattiva, inkluz il-licenza ta' Operatur biex jopera Stazzjoni ghat-Testijiet tal-Vetturi skond l-applikazzjoni tieghu tas-16 ta' Gunju 2012.*

*Bl-ispejjez kontra l-Awtorita' intimata li tibqa' ingunta minn issa ghas-subizzjoni."*

Rat id-digriet tal-4 ta' Dicembru 2012 li bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghat-23 ta'Jannar 2013 (a fol. 11 et seq.);

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-Awtorita' intimata;

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta tas-19 ta'Dicembru 2012 (a fol. 13) li taqra hekk:

1. *Illi in linea preliminari, dina l-Onorabbli Qorti mhiex kompetenti rationae materie biex tisma' u tiddeciedi l-kawza odjerna u/jew li l-azzjoni hija inammissibbli u dana ghar-raguni li l-kwistjoni mqajjma mill-attur nomine si tratta ta' decizjoni amministrattiva u ghalhekk l-attur nomine kellu a disposizzjoni tieghu rimedju*

*quddiem t-Tribunal ta' Revizzjoni Amministrattiva ai termini tar-Regolament 22 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15.*

2. *Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u pretenzjonijiet tal-attur nomine huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

3. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-attur nomine li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni"*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u id–dokumenti ezebiti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Mix-xhieda tar-rikorrenti fl-affidavit tieghu a fol. 16 et seq, jirrizulta illi huwa azzjonist u Direttur tas-socjeta' J. Zammit Ltd u jinnegozja fil-karrozzi billi jixtri, jimporta u jbiegh l-istess.

Zammit ghamel hsieb jiftah VRT station, indaga ghar-rekwiziti neccessarji, (Vide Dok. A a fol. 4) u gabar formola minn Transport Malta. Fis-16 ta' Gunju 2012 applika ghal Licenzja ta' Operatur ta' Stazzjon ghat-Testijiet tal-Vetturi (VRT Station) – Vide applikazzjoni Dok. B a fol. 5.

Fil-21 ta' Gunju rcieva *acknowledgment* mill-Awtorita' intimata fis-sens li ***"currently Transport Malta is not in a position to further process your request, since all VRT station operators license are currently on hold."***Zammit xhed li pero kienet harget licenzja ghal VRT Station gdida fis-Siggiewi.

Huwa xhed illi ma kien hemm xejn nieqes fl-applikazzjoni tieghu, u ghalhekk kollox kien skond il-ligi. Huwa xhed illi qatt ma rcieva komunikazzjoni mill-Awtorita' li kien hemm xi haga nieqsa fl-applikazzjoni tieghu, jew li l-Awtorita' kellha bzonn xi dokumentazzjoni ulterjuri. Wara ghoxrin gurnata, l-applikazzjoni tieghu kellha titqies li giet deciza favorevolment. Zammit xhed li kiseb parir legali u ntavola dawn il-proceduri.

Zammit ikkonferma li kiteb lill Awtorita' fit-3 ta' Lulju 2012 u fis-26 ta' Lulju 2012 l-Awtorita' irrispondiet li ma kienitx qed tilqa' l-applikazzjoni tieghu minhabba li l-hrug tal-licenzji kienu mizmuma – Vide Dok E a fol. 9.

Ir-rikorrenti ezebixxa Dok. H Certifikat tal-qaghda finanzjarja tas-socjeta' rikorrenti mill-HSBC a fol. 18; Dok. I ittra lil Transport Malta datata 24 t'Awwissu 2012 a fol. 19; Dok J rapport mill-gurnal Independant a fol. 20; u Dok. K protest gudizzjarju.

Lino Abela a fol. 35 et seq, xhed li kien Technical Manager fi Transport Malta b'responsabilita' tal-VRT Stations. Huwa afferma li ghalkhemm jilqa' u jiprocessa l-applikazzjonijiet ghal VRT Stations, dawn jigu approvati minn Senior Manager. Kkonferma li kien gie jkellmu r-rikorrenti ghat-taghrif neccessarju ghall-applikazzjoni ghal VRT, li tah applikazzjoni u li gab l-applikazzjoni lura. Abela xhed li dehrlu li kien hemm xi dokumenti nieqes izda ma informax lis-socjeta' rikorrenti ghaliex il-licenzji kienu mizmumin. Abela sostna li rcieva l-applikazzjoni tas-socjeta' rikorrenti fis-16 ta' Gunju 2012, u kienet in regola u kien jonqos biss permess tal-MEPA. Abela sostna li r-rekwiziti mitluba fuq l-applikazzjoni kienu gew sodisfatti mis-socjeta' rikorrenti – Vide fol. 38. Mistoqsi, Abela xhed li huwa ma informax lill-attur li kien jonqos xi haga konnessa mal-applikazzjoni. Abela ikkonferma l-applikazzjoni Dok. B a fol. 5 u l-*acknowledgment* tal-Awtorita' Dok. C a fol. 7.

Abela xhed li huwa kien tenut li jiehu l-istruzzjonijiet minghand s-superjuri tieghu fosthom, Vincent Micallef Pule li nformah li l-permessi kienu *on hold* – Vide fol. 40.

Muri ittra a fol. 9, kkonferma li kienet mibghuta minnu. Huwa kompla jsostni li huwa mexa skond l-istruzzjonijiet tas-superjuri tieghu.

L-Awtorita' intimata ma resqet ebda prova ulterjuri.

**Ikkonsidrat:**

Il-fatti specie tal-kaz huwa semplici. Ir-rikorrenti, ghan-nom tas-socjeta' J.Zammit Limited, xtaq jiftah VRT Station, ndaga x'kien hemm bzonn u applika fis-16 ta' Gunju 2012 , presenta dak kollu rikjest mill-applikazzjoni formali lilu moghtija mill-Awtorita' intimata.

Ir-risposta li ha r-rikorrenti mis-socjeta' intimata fil-21 ta' Gunju 2012 kienet illi :

***"...currently Transport Malta is not in a position to further process your request, since all VRT station operators licence are currently on hold."-*** Vide fol. 7 Dok. C

**Ikkonsidrat:**

Illi l-ligi applikabbli ghal-kaz in ezami cioe' fejn si tratta cittadin li japplika ghal ftuh ta' VRT Station hija S.L. 65.15.

L-Artikolu 8A tal-S.L.65.15 jistipola:

> ***8A. (1) Applikazzjonijiet kompluti għal awtorizzazzjoni għandhom jiġu mwieġba b'avviż bil-mitkub fi żmien sebat ijiem minn meta jaslu u fl-avviż għandu jiġi jispeċifikat:***
>
> ***(a) il-perijodu li fih l-applikazzjoni għandha tiġi proċessata skont dawn ir-regolamenti;***
>
> ***(b) x'rimedju jkollu l-applikant meta l-Awtorità tiċħad applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' operatur; u***

*(ċ) dikjarazzjoni li f'każ li jibqa' ma jingħatax tweġiba fil-perijodu msemmi fil-paragrafu (a), l-awtorizzazzjoni għandha titqies li tkun ingħatat.*

*(2) Fil-każ ta' applikazzjoni li ma tkunx kompluta, l-applikant għandu jiġi mgħarraf fi żmien sebat ijiem minn meta tkun waslet l-applikazzjoni dwar il-ħtieġa li jipprovdi dokumentazzjoni jew informazzjoni addizzjonali.*

Di piu' Artikolu 9(1) u **(2)** jipprovdi**:**

***9. (1) Meta applikazzjoni tkun saret skont ir-regolament 8, l-Awtorità għandha tagħmel dawk l-investigazzjonijiet u tagħmel dawk l-ispezzjonijiet li b'mod raġonevoli jkunu meħtieġa biex tiżgura konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tat-tagħmir għat-testijiet kif specifikat fir-Raba' Skeda u wkoll konformità mal-ispeċifikazzjonjiet għall-istazzjonijiet kif hemm fil-Ħames Skeda, u l-Awtorità għandha tinforma lill-applikant b'avviż bil-miktub mhux aktar tard minn għoxrin ġurnata ta' xogħol minn meta tkun irċeviet id-dokumenti kollha rilevanti dwar id-deċiżjoni tal-Awtorità u, meta tkun ser tiċħad l-applikazzjoni, hija tagħti rraġunijiet għaldaqstant:***

*Iżda meta ċ-ċirkostanzi jkunu jeħtieġu aktar żmien biex l-applikazzjoni tiġi kkunsidrata, dak il-perijodu jista' jiġi estiż darba waħda biss mill-Awtorità għal perijodu addizzjonali ta' mhux aktar minn għaxart ijiem tax-xogħol b'żjieda mal-perijodu hawn qabel imsemmi u l-applikant għandu jiġi avżat bl-estensjoni, it-tul tagħha u r-raġunijiet għaldaqstant.*

*(2) Meta l-Awtorità ma tkunx ħadet deċiżjoni fi żmien il-perijodu ordnat jew f 'dak estiż imsemmi f 'dan ir-regolament l-applikazzjoni għandha titqies li tkun ġiet deċiża favur l-applikant.*

Wara li l-Qorti rat u ezaminat l-Artikoli fuq indikati johrog car il-***mens legis*** u cioe' li Legistatur Malti hareg regoli precizi ta' kif ghandha tigi pprocessata applikazzjoni ghal VRT Station u kemm-il darba dawn ir-regoli ma jigux segwieti fit-termini stipulati ***"l-applikazzjoni għandha titqies li tkun ġiet deċiża favur l-applikant."***

Fil-kaz in ezami huwa palezi li r-risposta li nghtat in termini ma kienitx cahda tal-applikazzjoni, lanqas ma kienet talba ghal xi informazzjoni ulterjuri jew dokumenti, permessi, licenzji addizzjonali.

Illi ghaldaqstant fl-gheluq ta' sebghat ijiem ta' xoghol mid-data tal-applikazzjoni tar-rikorrenti l-awtorizzazzjoni necessarja ***"għandha titqies li tkun ġiet deċiża favur l-applikant."***- Artikolu 8A(1)(c) tal-S.L. 65.15.

Illi di piu ai termini tal-Artikolu 9, f'kaz li l-Awtorita' ikun jehtiegilha twettaq investigazzjonijiet u inspezzjonijiet ulterjuri relatati mal-ezami tal-apparat rilevanti, id-decizjoni tal-Awtorita' ghandha tintbaghat bil-miktub lill-applikant mhux aktar tard minn ghoxrin gurnata tax-xoghol mid-data li fiha tircievi d-dokumenti kollha rilevanti. Dan il-perjodu jista' jigedded b'perjodu ulterjuri ta'ghaxart ijiem ta' xoghol. Skond l- Artikolu 9(2) fejn l-Awtorita' ma tkunx hadet id-decizjoni taghha, entro l-perjodu fuq indikat jew il-perjodu estiz, l-aplikazzjoni ***"għandha titqies li tkun ġiet deċiża favur l-applikant."***

Il-Qorti taghraf illi kienet biss **l-ittra tas-26 ta' Lulju 2012 li tindika "cahda"** tal-applikazzjoni, izda din ic-cahda kienet fiori t-termini u d-dettami tal-S.L. 65.15.

Il-Qorti rat u ezaminat l-eccezzjoni tal-Awtorita' tat-Trasport f'Malta fis-sens li ssollevat in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta'din il-Qorti, stante li, ai termini tal-Artikolu 22 tal-SL 65.15, il-gurisdizzjoni f'kazijiet bhal dak in ezami hija vestita fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, stabbilit fil-Administrative Justice Act - Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa l-Artikolu 22 tal-SL 65.15 jistipola:

> ***22. Persuna li tħoss ruħha aggravata minn deċiżjoni tal- Awtorità li ma tagħtix jew ma ġġeddidx, jew li tissospendi jew tirrevoka***

> ***awtorizzazzjoni, jew li timponi kundizzjonijiet, limitazzjonijiet jew esklużjonijiet fiha jew dwarha, li tħassar dik il-persuna mir-reġistru ta' persuni li jittestjaw, ikollha d-dritt li, fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata mill-avviż tad-deċiżjoni, tappella quddiem it-Tribunal.***

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti tqis illi l-gurisdizzjoni tat-Tribunal tiskatta meta l-Awtorita' **taghti decizjoni**, cioe' rifjut ta'licenzja, cahda ghal renovazzjoni ta' licenzji, sospenzjoni, revoka ta'licenzji jew imposizzjoni ta' kundizzjonijiet addizzjonali.

Il-kaz in ezami si tratta fuq **decizjoni li ma ttiehdietx,** decizjoni ***on hold*** , pprecizament dak it-tip ta' nuqqas t'azzjoni illi l-ligi stess (SL 65.15) **tant tistmerr li taghti r-rimedju immedjat** - cioe **b'approvazzjoni awtomatika** tal-licenzja skond l-Artikolu 8A (1) (c) u 9 (2) tal-S.L. 65.15 hekk kif jiddekorri z-zmien preskritt cioe' seba' granet ta' xoghol u ghoxrin gurnata tax-xoghol rispettivament.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-Awtorita' intimata, tilqa t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti billi, tiddikjara u tiddeciedi li t-talba tas-socjeta rikorrenti lill-Awtorita' intimata biex tkun awtorrizzata topera Stazzjon ghat-Testijiet tal-Vetturi (VRT station) giet milqugha skond il-ligi; konsegwentement tordna lill-Awtorita' intimata sabiex, **fi zmien xahar**, tikkonsenja lir-rikorrenti d-dokumentazzjoni kollha relattiva, inkluz il-licenza ta' Operatur biex jopera Stazzjoni ghat-Testijiet tal-Vetturi skond l-applikazzjoni tieghu tas-16 ta' Gunju 2012.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita' intimata.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------